**Fid-dawl tal-ikona**

Kien tard filgħaxija
Meta dħalt bl-ikona,
Dawl il-jum inemnem
Kull storbju jistona.
Daħal inkiss inkiss
'L-lejl bi dlamijietu,
Jixxeblek ma' kull dawl
Għax dik hi mixjietu.

U bl-ikona tixgħel,
Ta' Ommna Marija,
Qalbi bil-ferħ imtliet
Bl-għajta mistennija.
Idejja dlonk marru
Jiġru għall-famuż but,
U ġabu l-kuruna
Bdejt talbi għall-batut.

U hi kienet miegħi
Mara tassew temmen,
Miegħi talbet għalih
Li l-uliedha bennen.
Dieħel f'agunija,
Il-bniedem wisq muġugħ,
Jitlob w jikkonfondi
Qed jara tant ucuħ.

Imma wara qalli:
"Niżik ħajr, ressaqtni,
Lejn Alla s-Setgħani
Miegħu int laqqajtni".
Imriegħex dlonk għedtlu:
"Le ħija dan mhux jien,
Kien Kristu li ħadem
F'idejh il-ġid f'kull żmien".

U rajtu bil-kalma kollha
Jiġi mbierek mill-Mulej,
U qalbi wisq thenniet
Stajt nistrieħ f'dak il-lejl.
U tfejna t-tlett xemgħat
Dħalna l-art bħal Ġona,
Ferħ is-sema nieżel
Fid-dawl tal-ikona.

Patri Mario Attard OFM Cap
26 ta' Lulju 2024

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.